

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-13 ta' Jannar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-631/18) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Swieq tal-istrumenti finanzjarji – Direttiva delegata (UE) 2017/593 – Assenza ta' traspożizzjoni u/jew ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni)

(2021/C 72/03)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: T. Scharf u B. Rous Demiri, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: V. Klemenc, aġent)

Dispożittiv

- 1) Peress li ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593 tas-7 ta' April 2016 li tissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-salvagwardja tal-istrumenti finanzjarji u l-fondi tal-klijenti, l-obbligi ta' governanza tal-prodotti u r-regoli applikabbli għall-provvediment jew ir-riċeviment ta' tariffi, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju monetarju jew mhux monetarju, u, għaldaqstant, peress li ma kkomunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika tas-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva Delegata 2017/593.
- 2) Ir-Repubblika tas-Slovenja hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 155, 06.05.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Limburg – il-Pajjiżi Baxxi) – LB, Stichting Varkens in Nood, Stichting Dierenrecht, Stichting Leefbaar Buitengebied vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren

(Kawża C-826/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Konvenzjoni ta' Aarhus – Artikolu 9(2) u (3) – Aċċess għall-ġustizzja – Assenza ta' aċċess għall-ġustizzja għall-pubbliku minbarra l-pubbliku kkonċernat – Ammissibbiltà tar-rikors suġġetta għall-parteċipazzjoni qabel il-proċess deċiżjonali)

(2021/C 72/04)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Limburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: LB, Stichting Varkens in Nood, Stichting Dierenrecht, Stichting Leefbaar Buitengebied

Konvenut: College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus (id-Danimarka) fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata fisem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-membri tal-"pubbliku" msemmi fl-Artikolu 2(4) ta' din il-konvenzjoni ma jkollhomx aċċess bħala tali għal rimedji għudizzjarji għall-finijiet li jikkontestaw deċiżjoni li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 tagħha. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 9(3) tal-imsemmija konvenzjoni jipprekludi li dawn il-persuni ma jkunux jistgħu jkollhom aċċess għal rimedju għudizzjarju sabiex jinvolokaw drittijiet biex jipparteċipaw fil-proċess deċiżjonali iktar estiż, li jingħatawllhom biss mid-dritt nazzjonali tal-ambjent ta' Stat Membru.
- 2) L-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata fisem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-ammissibbiltà tal-ażżjonijiet għudizzjarji koperti minnu, eżerċitati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi li jiffirmaw parti mill-"pubbliku kkonċernat", imsemmi fl-Artikolu 2(5) ta' din il-konvenzjoni, tkun suġġetta għall-parteċipazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet fil-proċedura preparatorja għad-deċiżjoni kkontestata, anki jekk din il-kundizzjoni ma tapplikax meta dawn ma jstgħux jiġu kkritikati b'mod raġonevoli talli ma pparteċipawx fihom. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 9(3) tal-imsemmija konvenzjoni ma jipprekludix li l-ammissibbiltà ta' rikors għudizzjarju kopert minnu tkun suġġetta għall-parteċipazzjoni tar-rikorrent fil-proċedura preparatorja għad-deċiżjoni kkontestata, sakemm dan ma jkunx jista' raġonevolment jiġi kkritikat, fid-dawl ta' ċirkustanzi tal-kawża, talli ma jkunx intervjena f'din il-proċedura.

(¹) ĠU C 122, 01.04.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-63/19) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Direttiva 2003/96/KE – Tassazzjoni fuq prodotti enerġetiċi u fuq l-elettriku – Artikoli 4 u 19 – Leġiżlazzjoni adottata minn reġjun awtonomu ta' Stat Membru – Kontribuzzjoni għax-xiri ta' petrol u ta' diesel suġġetti għal dazji tas-sisa – Artikolu 6(c) – Eżenzjoni jew tnaqqis tad-dazji tas-sisa – Kunċett ta' "rimbors totali jew parzjali" tal-ammont tat-taxxa – Assenza ta' prova tal-eżistenza ta' rabta bejn din il-kontribuzzjoni u d-dazji tas-sisa)

(2021/C 72/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u F. Tomat, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistita minn G. M. De Socio, avvocato dello Stato)

Intervenjent insostenn tar-rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: S. Jiménez García u J. Rodríguez de la Rúa, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

(¹) ĠU C 112, 25.3.2019.